# FTIT MILL-ISTORJA TAS-SEKLU SBATAX

minn Charles Galea Scannura

Wara s-snin ta' l-Assedju, il-komunità ta' Bormla bdiet tissaħħah u tikber. Il-popolazzjoni tħallet aktar b'nies baħħara jew li kellhom xi xogħol fuq ix-xwieni. Nies oħra bdew jistgħanew u l-għadd ta' dawk in-nies ta' l-iskola, residenti f'Bormla, beda jikber ukoll. Tul is-seklu sbatax il-popolazzjoni kienet dejjem tiżdied. Iżda din rat ukoll it-tnaqqis minħabba bosta twegħir.

Il-biża' tal-pesta laqat lil Bormla kemm-il darba. Fil-1592/93 insibu li kien hawn il-pesta f'Malta. L-awtoritajiet ta' dak iż–żmien ħadu passi biex jirreżistu t-tixrid tal-marda. Il-Gran Mastru ordna li djar, ħwienet u ħwejjeġ jiġu ppurifikati. F'Novembru 1593 ġew magħżulin il-kappillan konventwali Fra Albano Hernandes u Francesco Randone biex jaraw li n-nies ta' Bormla jwettqu dan l-għamar għal tmint ijiem. F'Bormla kienu rrapurtati li mietu 154 ruħ. Fi żmien dil-pesta nbniet il-kappella ta' San Rokku qrib il-bieb tal-parroċċa. Imma ta' min jgħid li dil-kappella tneħħiet aktar tard meta l-parroċċa nbniet mill-ġdid.

Fil-1655 kien hemm imxija oħra libdiet fil-Kalkara. Għall-ewwel Bormla ma ntlqtetx, iżda mbagħad bdew jitfaċċaw il-każijiet. Id-djar fejn kienu dawn, ġew iżolati u mbarrati. Xtered il-biża' tal-ġuħ, iżda biex jiġi evitat dan, fl-10 ta' Ottubru 1655 il-gvern ħaseb biex jipprovdi għall-fqar. Għalhekk inħatret kummissjoni għall-belt Valletta, Bormla u l-irħula nfettati li kienet immexxija minn Fra Antonio Tancredi, Fra Ludovico Dumesnel u Simon de Maupas.

Meta tfaċċat l-agħar imxija tal-pesta, fil-1675/76, Bormla wkoll reġgħet ġiet milquta. It-Tabib Gan Franġisk Bonamico għamel rapport fuq il-marda f'Mejju 1676 u dan ġie approvat mill-akkademji mediċi ta' l-Ewropa. F'Bormla l-għadd ta' mejtin bejn it-23 ta' Diċembru 1675 u t-23 ta' Ġunju 1676, kien ta' 1320. L-aħħar mewt ġiet irrapurtata li ġrat fis-6 ta' Awissu u għalhekk il-kwarantina li kienet ġiet imposta kellha tispiċċa ftit ġranet wara. Fost il-Bormliżi kienu ħadmu ħafna t-Tabib Pantaleone Muzucha, Grieg li kien miżżewweġ l-Isla, u l-Kappillan Barbara. Il-mejtin bdew jiġu midfunin fiċ-ċimiterju "Ta' l-Erwieħ". Wara, inqalgħet kwistjoni bejn il-kappillan u dak tal-Birgu dwar it-tberik ta' l-oqbra fiċ-ċimiterju wara s-sur tal-Birgu u kien ġie deċiż li l-kappillan ta' Bormla seta' jbierek darba fis-sena wara l-kappillan tal-Birgu.

Minkejja dan it-twegħir, Bormla bdiet tikber. Inbnew il-Palazz ta' l-Isqof Gargallo, palazz tal-Gran Mastru, il-knejjes ta' San Pawl u Santa Margerita u l-knisja u l-kunvent ta' Santa Tereża.

Il-knisja ta' San Pawl bdiet tinbena bil-ħidma ta' Francesca mart Mastru Nicola Micallef u ta' Mastru Angelo Pace, fil-1590. Kienet iddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl. Inbniet qrib "Is-Salib ta' Bormla" fil-post li kien magħruf bħala "Maħtet it-Tin". Kellha altar wieħed tal-ġebel li kellu skannel ta' l-injam. Fuqu kienhemm kwadru sabiħ ħafna li kienjuri lil San Pawl fin-nofs, lil San Makarju u Sant'Anġlu fuq il-lemin u Santa Ċeċilja u Sinforosa fuq ix-xellug waqt li fil-parti ta' fuq kienhemm il-Madonna bil-Bambin f'idejha. Is-saqaf kien imserraħ fuq sitt arkati u kellha erbat itwieqi u żewġ bibien. Il-maġġur kieniħares lejn il-punent waqt li ż-żgħar lejn nofs in-nhar. Fuq il-bieb kien hemm il-qanpiena u fil-1637 jisemma' wkoll kwadru ta' San Pawl bi skrizzjoni taħtu. Il-knisja kellha wkoll bħal zuntier mdawwar b'ċint baxx. Fil-1735 il-knisja ġiet imwaqqa' u mibnija mill-ġdid.

L-Isqof Gargallo kienbena palazz b'għadd ta' ċelel jew kmamar, ġnien u kappella ddedikata lil San Damasu Isqof, għal ħabta tal-1612 fuq l-għolja ta' Santa Margerita. Kien hemm il-ħsieb lijista' jservi ta' kunvent tal-Kapuċċini jew xi ordni oħra, kif kien innota l-Isqof Cagliares. Gargallo miet f'dal-palazz fl-10 ta' Ġunju 1614 u kien sarlu funeral kbir. Il-fdal tiegħu ttieħdu fuq galera ta' l-Ordni sal-belt Valletta fejn ġie midfun fil-kappella ta'Monserrat fil-Knisja tal-Ġiżwiti. Wara mewtu jidher li l-palazz kienbaqa' mitluq. Kien ġie kkalkulat ali jiswa' madwar 1200skud u li seta' jingħata lit-Tereżjani. Aktar tard it-Teżor ta' l-Ordni ried iwaqqa' dal-bini u għalhekk ħallas lill-Isqof fil-Birgu li beda jintuża' wkollbħala qortiveskovili.

L-Isqof Gargallo wkoll bean knisja ddedikata lil Santa Margerita fl-istess żmien li bena l-palazz tiegħu. Il-Knisja kienet maqsuma f'żewġ partijiet: l-ewwel parti mill-altar sal- kanċell ta' l-injam, u t-tieni parti mill-kanċell sal-bieb. L-ewwel parti kellha s-saqaf imserraħ fuq erba' arkati;

kien hemm spazju wara l-altar u żewġ bibien li jagħtu għas-sakristija. L-altar kien tal-ġebel u kellu skannell u żewġ tarġiet. Mad-dawra tal-ħitan kienhemm sedji tal-ġebel. Fit-tieni parti, kienhemm bieb iħares lejnnofs in-nhar, żewġt itwieqi, fonti fuq ix-xellug tad-dħul u sedji mad-dawra. Fuq arkata kien hemm kwadru fi gwarniġjun. Fuq il-bejt tal-knisja kienhemm qanpiena. Mis-sagristija kienhemmbieb jagħitgħal ġo spazju kważi kwadru li fl-antik kien serva ta' ċimiterju. Kienhemm ukoll dar għas-sagristan. Fuq quddiem tal-knisja kien spazju żgħir imdawwar b'ċint, ufil-1680 jissemma' wkoll bieb fuq il-lemin tad-dħul.

It-titular tal-knisja kien antik u kienjuri lil Santa Margerita. Fil-1637 hu deskritt li kien juri lil San Pietru, San Pawl u San Mattew f'naħa, fin-nofs lil Santa Margerita,u mbagħad lil San Ġwann Battista u Santa Katerina u l-Missier Etern u l-Assunta fil-parti ta' fuq. Fil-1680, Santa Margerita hija deskritta bħalli qegħda fin-nofs, b'San Ġwann Battista fuq il-lemin u Santa Katerian fuq ix-xellug u fil-parti ta' fuq it-Trinità u l-Assunta. Dal-kwadru inbidel għal ħabta ta' l-1710 meta sar wieħed ġdid li juri lill-Madonna bil-Bambin fil-parti ta' fuq, u lil Santa Margerita bejn San Ġwann Battista u Santa Katerina fil-parti prinċipali. Fuq l-iskannell tqegħdet f'urna statwa żgħira ta' l-injam indurat tirrappreżenta lil Santa Margerita. Il-knisja imbagħad kellha titwaqqa' minħabba l-bini tas-swar tal-Firenzuola li tkomplew biex idawwru Bormla.

Fl-istess inħawi, iżda iżjed l-isfel lejn ix-xatt, l-Isqof Cagliares ħadembiex jitwaqqaf kunvent u knisja għall-Patrijiet Tereżjani. Il-knisja u l-kunvent kien iżomm xi reliġjużi fid-dar tiegħu. L-art inxtrat mill-Isqof mingħand il-Komm. Fra Claudio Decasse b'1510 skud u ngħatat lill-Kunvent b'att li sar għand in-nutar P.P. Vincella fil-11 ta' Diċembru 1625. Fil-Kunvent kien isir l-istudju għall-partijiet. Ħdejh kien hemm oratorju u xi ċelel u ġnien sabiħ, likienu jintużaw għall-irtiri tal-kavalieri. Dan il-bini twaqqaf bil-ħidma ta' l-Inwiżitur Giacomo Cantelmi fil-1681, u għalih ukoll il-Gran Mastru Carafa ħareġ 500 skud. L-oratorju ġie ddedikat lil San Ġwann Battista u t-titular tiegħu kien ġie mpitter mill-Kav. Mattia Preti iżda dan ħallih mhux komplut għax miet qabel lestieh.

Fil-knisja ta' Santa Tereża, l-Isqof Cagliares bean spejjeż tiegħ''l-kappella ta' San Ġużepp u ried li jmut fejn imut, jindifen fil-knisja tat-Tereżjani. Quddiem l-altar maġġur fil-1652 ġie midfun l-Inkwiżitur Cavalletti. Il-kampnar ġie mibni fil-1656. Aktar tard, il-kunvent ġie mkabbar wara li nxtrat id-dar bil-ġnien ta' D. Mariano Testaferrata iben Giacomo.

Il-patrijiet kienu xtaquli jingħataw biċċa art sabiex jirranġaw il-ġnien tagħhom. Għalhekk infurmaw lill-Gran Mastru li riedu 34 palma min-naħa l-eqreb lejn il-bastjun (tal-Birgu) u sit biex ikollhom pjazza imdawwra b'ċint baxx. Benefattur kien offra li jħallas l-ispejjeż ta'l-ilvellar tal-pjazza u jibni ċ-ċint qrib it-taraġ li kien jagħti għax-xatt. Il-pjazza kellha tkun miftuħa u separata mill-knisja u l-kunvent. Il-benefattur offra wkoll li jirranġa t-triq li tieħu għall-Birgu u jżejjinha bis-siġar. Billi dit-triq kellha tintuża' għall-purċissjonijiet, kellhom isiru arranġamenti biex tinżamm nadifa u ħadd ma seta' jitfa' żibel jew xi ħaġa li tikkaġuna rwejjaħ. Il-kummissarju tax-Xogħlijiet ġie mitlub jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan fit-23 ta' Diċembru 1642 u fuq il-parir tiegħu, l-patrijiet ngħataw li riedu fit-30 ta' l-istess xahar.

Barra dal-bini wieħed irid jiftakar li tul is-seklu sbatax kien qed isir kontinwament xi bini fil-parroċċa u s-swar li dawwru 'l Bormla għal darba tnejn. Il-bini tad-djar beda jiżdied u t-toroq bdew jieħdu l-forma tagħhom.

Ix-xogħol fix-Xatt u t-Tarzna tal-Kavalieri beda jiġbed nies tas-sengħa lejn Bormla fejn il-popolazzjoni bdiet titħallat l-aktar fit-tieni nofs tas-seklu. Jekk nieħdu l-kleru naraw li dan beda jiżdied sew: 2 fil-1618, 11 fil-1667, 13-il qassis u 3 kjeriċi fil-1671, mbagħad kompla jikber kif naraw f'dit-tabella:

| SENA | KLERU | KJERIĊI | KJERIĊI KONJUGATI |
|---|---|---|---|
| 1680 | 15 | 2 | - |
| 1686 | 20 | 16 | 4 |
| 1694 | 22 | 20 | 5 |
| 1700 | 27 | 18 | 5 |

F'Bormla tas-seklu sbatax bdew jidhru nies ta' l-iskola u ċerta fama. Jissemma' t-Tabib

Ġan Franġisku Bonamico li żżewweġ Bormla. Barra l-fama tiegħu ta' tabib, baqa' magħruf ukoll li kitebpoeżija bil-Malti. Jissemma' wkoll in-Nutar P.P. Saliba li ħademkemm fil-Fratellanza tal-Kruċifiss kif ukoll bħal nutar li għamel xi kuntratti marbutin mal-parroċċa. Fl-aħħar snin anke bdew jinfetħu xi skejjel żgħar. Fil-1686 Dun Ċelestin Farrugia kien jgħallem il-grammatika u l-letteratura. Fil-1691 is-Suddjaknu Alessandro Fiteni beda jgħallem il-grammatika u fil-1700 ngħatat il-liċenzja biex jgħallem ukoll lil Dun Stiefnu Camilleri.

Jista' jingħad li fis-seklu sbatax Bormla bdiet tiżviluppa f'belt mimlija ħajja u attività, xogħol marbut mal-baħar, mal-kursari u snajja', bini ta' knejjes u djar sbieħ li għamlu minnha belt oħra mdawwra bis-swar tħares u tkennen id-Daħla tal-Galeri.



*Knisja ta' San Pawl f'Bormla.*



*Knisja ta' Santa Margerita.*